Stejjer Qosra Edukattivi

Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta

Stejjer Qosra Edukattivi

AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA

Brief Educational Stories

In Maltese Language

© Islam International Publication Ltd

Ippubblikat bil-Malti f'Malta (2016)

Pubblikazzjoni ta'

AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA

Mob: 00356 7932 0139 | **Tele:** 00356 2734 2401
Tele: 00356 2132 2105 | **Fax:** 00356 2732 2105

Email: amjmalta@gmail.com

www.ahmadiyyamalta.org
www.ahmadiyya.org.mt

ISBN: 978-99957-59-19-3

Stampa: © shutterstock.com

Daħla

‘**Stejjer Qosra Edukattivi**’ huwa wieħed mill-kotba miktuba speċifikament għat-tfal. Dejjem ikun hemm il-bżonn li jitħejjew kotba għal tfal b’etajiet differenti.

Nittamaw li t-tfal, il-ġenituri u l-għalliema japprezzaw u jibbenefikaw minn dan ix-xogħol.

Din hija l-ewwel edizzjoni ta’ dan il-ktieb bl-ilsien Malti, ippubblikata fl-2016.

Laiq Ahmed Atif
President
Ahmadiyya Muslim Jamaat
Malta

Werrej

1. L-Imħabba lejn l-Omm
2. Is-Servizz għall-Umanità
3. Ħabib ta' Veru
4. Il-Falzità Teqred
5. Il-Karità
6. Ir-Rigal Prezzjuż
7. Is-Saħħa tal-Verità
8. Eżempju Eċċellenti
9. It-Tolleranza u l-Armonija
10. Delhi għadha ħafna 'l bogħod
11. Kuraġġ
12. Mara Fqira
13. Għerf

بسم الله الرحمن الرحيم

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin

L-Imħabba lejn l-Omm

Żmien ilu kien jgħix qaddis kbir li kien raġel tajjeb, famuż u ta' għerf kbir, għaż-żmien tiegħu. In-nies tar-raħal dejjem kienu jiġu għandu biex jitgħallmu u jibbenefikaw mill-għerf u l-għaqal tiegħu.

L-istorja tiegħu kienet impressjonanti ħafna. Kien dejjem iħobb u jgħin ħafna lil ommu, li kienet xiħa, u ma kienet tiflaħ tagħmel xejn id-dar.

Lejla waħda ommu talbitu ftit ilma. Meta ra li ma kienx hemm ilma fid-dar, lanqas naqra, ħa l-bomblu u mar barra biex ifittex l-ilma. Wara nofs siegħa, meta wasal lura d-dar bl-ilma, sab li ommu kienet rieqda. Qal bejnu u bejn ruħu, 'X'se nagħmel issa? Jekk norqod u ommi titlobni l-ilma u jien nibqa' rieqed u ma nqumx biex nagħtiha l-ilma, dak ma jkunx tajjeb għax għandha ħafna għatx.' Ħaseb u ddeċieda li ma jorqodx u joqgħod bilwieqfa ħdejn is-sodda tagħha. Hekk għamel u qagħad wieqaf tul il-lejl kollu bl-ilma ħdejha.

Meta sebaħ u qamet qaltlu: "Għaliex inti qiegħed bilwieqfa ħdejn is-sodda tiegħi? Għal kemm żmien ilek bilwieqfa hawn?"

Hu qal l-istorja kollha lil ommu meta riedet l-ilma u ma kienx hemm qatra fid-dar. Qalilha: “Għalhekk mort barra biex inġiblek l-ilma u meta wasalt lura d-dar sibtek rieqda. Imlejt tazza bl-ilma u qgħadt nistenniek tqum biex nagħtik tixrob. U għalhekk bqajt bilwieqfa l-lejl kollu.” Meta semgħet l-istorja kollha kienet ferħana ħafna bl-għemil tiegħu u bdiet titlob lil Alla, għall-barka Tiegħu, fuqu.

Bit-talba ta’ ommu u bl-għajnuna lilha, bil-mod il-mod sar raġel tajjeb u qaddis.

Is-Servizz għall-Umanità

Ġurnata waħda l-Qaddis Profeta Muħammad, il-paċi tkun fuqu, kien qed jitkellem ma’ sħabu u qal li f’Jum il-Ħaqq Alla se jikkonfrontahom u jgħidilhom li: “Kont marid u inti ma staqsejtx dwar saħħti.”

Il-bniedem se jgħid: “O Alla Inti s-Sid tad-dinja kollha, u qatt ma timrad, u ma kellekx bżonn tal-għajnuna tagħna.”

Alla se jgħid: “Le, wieħed mill-qaddejja Tiegħi kien marid u kellek tistaqsi dwar saħħtu u kont issibni hemm.”

U wara dan se jkompli jafferma u se jgħid: “Kelli l-ġuħ

u ma tajtnix ikel, kelli l-għatx u ma tajtnix ilma, ma kellix libsa u ma libbistnix.”

U kull darba l-bniedem se jgħid: “O Alla Inti s-Sid taddinja kollha, għandek kollox, u ma kellekx bżonn talgħajnuna tagħna.”

Alla se jgħid: “Wieħed mill-qaddejja Tiegħi kellu bżonn ta’ dawk l-affarijiet.”

U kull darba se jgħid: “Li kieku inti għamilt dan kollu, kont issibni hemm.”

Ħabib ta’ Veru

Storja popolari tirrakkonta kif wieħed żagħżugħ ħadha drawwa li l-ħin kollu jonfoq ġid missieru flimkien ma’ sħabu. Dejjem kien ikun imdawwar b’għadd kbir ta’ ħbieb li kienu jfaħħruh u jimlewh bil-komplimenti waqt li jkunu qed jonfqu flusu lejl u nhar.

Missieru kien dejjem iwissih, “Dawk żgħażagħ imposturi u egoisti. M’għandhomx imħabba vera lejk. Teqridx ġidek fuqhom.” Iżda ż-żagħżugħ qatt ma aċċetta l-pariri ta’ missieru u kien iwieġeb, “Dawk il-ħbieb sinċiera tiegħi.”

Il-missier qal, “Kif irnexxielek tiġbor daqshekk ħbieb

madwarek meta jien kulma għandi huwa ħabib tal-qalb wieħed? Kif dejjem ikun hemm għadd kbir ta' ħbieb madwarek il-ħin kollu?"

Għadda ħafna żmien u ż-żagħżugħ xorta ma aċċettax it-twiddib ta' missieru. Jum wieħed il-missier qallu, "Jekk inti ma tafdanix agħmel esperiment u ttestja lil sħabek ħalli tara kemm verament għandek ħbieb."

Iż-żagħżugħ staqsieh, "Kif se nittestja lil sħabi?" Missieru wieġbu, "Dur id-djar ta' kull ħabib li għandek, u għidilhom li missierek keċċiek mid-dar u neħħielek l-aċċess tiegħek għall-proprjetà. Itlobhom biex jagħtuk ftit flus ħalli tkun tista' ssib mod kif taqla' l-għajxien tiegħek."

Meta żar id-djar ta' sħabu, u saru jafu li missieru kien keċċieh mid-dar, wieħed bagħat messaġġ ma' qaddej li kien marid u li ma setax jiltaqa' miegħu dak il-ħin. Oħrajn sabu skuża billi qalulu li kellhom flus iżda laħqu tawhom lil ħaddieħor dakinhar stess.

Wara dan kollu, iż-żagħżugħ irritorna d-dar idu f'idu, u qal lil missieru li kulma kien qallu kien verità; ħadd ma kien għenu.

Il-missier qallu, "Issa ejja ħa tara min hu l-ħabib tiegħi."

Il-missier ħa lil ibnu fid-deżert barra mill-belt u wasal quddiem dar u għajjat. Xi ħadd minn ġewwa wieġeb,

“Min hemm?”

Il-missier qal ismu.

Il-leħen minn ġod-dar qal, “Owkej.”

Imbagħad waqa’ s-silenzju, u ma kienx hemm ħoss għal nofs siegħa.

It-tifel qal, “Il-ħabib tiegħek jixbah lil sħabi kollha.”

Il-missier wieġeb, “Tkunx bla paċenzja; daqt tkun taf għala dam daqshekk biex joħroġ.”

Ftit minuti wara, il-ħabib tal-missier ħareġ iżomm id il-mara tiegħu. Kellu l-għant marbut ma’ qaddu u xabla fl-id l-oħra.

Wara li ħareġ qal, “Skużani ħabib tiegħi, inti ġejt f’nofsillejl u jien domt ħafna minn mindu ħabbatt fuq il-bieb. Assumejt li minħabba li inti ġejt f’nofsillejl kellek xi għan importanti. Jiena ħsibt li forsi tinsab f’xi inkwiet u ġejt għandi għall-għajnuna. B’dan il-ħsieb qbadt ix-xabla tiegħi għax biha nista’ ngħinek. Imbagħad ħsibt li għalkemm inti sinjur mhux ħażin, anki s-sinjuri jkollhom problemi finanzjarji u jkollhom bżonn kull ċenteżmu li jakkwistaw. Jiena ġbart erbgħa sa ħames mitt dollaru, naqra naqra tul ħajti u poġġejthom ġo ħofra. Għaldaqstant, jiena ħaffirt u ġibt il-basket. Domt aktar għax ħsibt li forsi martek ma tiflaħx u hemm

bżonn li tingħata xi għajnuna għalhekk qajjimt lil marti u ġibtha miegħi. Dawn it-tliet affarijiet qegħdin għad-dispożizzjoni tiegħek. Kif nistgħu ngħinuk?"

Huwa qal lil ibnu, "Dawn huma l-ħbieb ta' vera tiegħi."

Il-Falzità Teqred

Darba, kien hemm tfajjel li kien jieħu n-nagħaġ tiegħu fuq il-muntanja biex jirgħu. Waqt li n-nagħaġ ikunu qed jirgħu, huwa kien jiddejjaq.

Darba waħda ħaseb li jkun hemm ftit eċitament kieku jgħajjat li hemm lupu. Allura beda jgħajjat, "Lupu! Lupu!"

Meta n-nies fil-wied semgħu l-għajjat tat-tifel qabdu għodda differenti tal-irziezet u telgħu l-muntanja biex isalvawh. Meta waslu ma raw l-ebda lupu. It-tifel beda jidħak u qalilhom li lagħab ċajta fuqhom.

Il-bdiewa ddispjaċiehom ta' dan. Qalulu biex ma jerġax jagħmel hekk u telqu lura fuq ħidmithom.

L-għada, it-tifel ħaseb kemm kien ħa pjaċir il-ġurnata ta' qabel meta beda jgħajjat bil-lupu, għalhekk għal darba oħra beda jgħajjat, "Lupu! Lupu!"

In-nies reġgħu ġew u ma raw xejn.

Fit-tielet jum, waqt li t-tifel kien qed iħares in-nagħaġ, tfaċċa lupu ta' vera! Huwa beda jgħajjat b'leħen għoli "Lupu! Lupu!" iżda ħadd ma ġie u l-lupu kiel il-merħla kollha.

Huwa vera li, "Il-verità ssalva, il-falzità teqred."

Il-Karità

Darba negozjant Għarbi kien qed jivvjaġġa ġod-deżert. Waqt li kien għaddej beda jħoss sħana kbira u qabdu l-għatx. Imbagħad induna li l-flixkun tal-ilma tiegħu kien ukoll vojt! Beda jħares madwaru bit-tama li tfeġġ xi għajn tal-ilma, iżda naturalment ma seħħ xejn minn dan.

Għalhekk baqa' sejjer iżda ma għaddiex wisq ħin li beda jħossu sturdut u kien kważi ċert li se jħossu ħażin. F'daqqa waħda deher quddiemu nomadu fqir, ħafi u liebes imċerċer. In-negozjant petpet għajnejh bil-qatgħa u waqqaf malajr il-ġemel, għaliex kien ċert li ma kien hemm ħadd qabel madwaru. Beda jaħseb li qed jimmaġina iżda mbagħad aċċerta ruħu li n-nomadu kien ta' veru għax dan beda jitkellem:

"Għaxar minuti fil-Majjistral t'hawn hemm għajn ta' ilma safi. Mur hemm u aqta' l-għatx tiegħek." Imbagħad sparixxa.

In-negozjant mibluh għamel kif qallu n-nomadu, anki jekk ma kienx fi triqtu, u hemmhekk sab l-aktar ilma tajjeb li qatt xorob. Waqt li kien qed jixrob, qatagħha li n-nomadu li ltaqa' miegħu kien anġlu, u għalhekk irringrazzja 'l Alla.

Ġimgħat wara, in-negozjant irritorna lejn daru.

Darba minnhom wieħed tallab ħabbat il-bieb tiegħu f'lejla bix-xita. Huwa talab biex jistkenn mill-maltemp. Iżda n-negozjant, li kien sar arroganti, keċċa lit-tallab bi kliem iebes.

Imbagħad it-tallab kixef li kien l-istess nomadu li kien salva l-ħajja tan-negozjant, u li din kienet prova għan-negozjant mingħand Alla li huwa falla. Imbagħad sparixxa.

In-negozjant irrealizza bl-iżball tiegħu u rriforma ruħu. Sar persuna ġeneruża u wara dak l-inċident kien dejjem qalbu tajba mal-fqar, jagħti l-karità u jgħin lil dawk li jkollhom bżonn.

Ir-Rigal Prezzjuż

Darba waħda r-re ta' xi pajjiż kien għaddej minn qalb l-għelieqi u ra raġel li kien xiħ ħafna u li kien qed iħawwel siġra. Ir-re kien sorpriż u mar ħdejh u qallu:

"Għal xiex inti qed tħawwel din is-siġra?"

Ir-raġel qal: "Għall-frott, għall-kenn, għall-ossiġnu u għall-arja safja."

Ir-re qal: "Int taf li inti raġel xiħ ħafna u ma tafx kemm se tgħix aktar, hu possibbli li tmut qabel din is-siġra tikber, issir siġra kbira u tibda tagħti l-frott u l-kenn."

Ir-raġel qal: "Maestà! Din is-siġra mhux għalija. Naf li aktarx immut fil-futur qarib iżda rrid li nħalli xi ħaġa tajba lill-ġenerazzjonijiet ta' warajja u nagħti rigal ta' valur kbir lin-nies li ġejjin warajja."

U kompla jgħid: "Din se tkun karità u rigal mingħandi għas-snin li ġejjin, u se nirċievi l-barkiet ta' Alla sa dak iż-żmien li din is-siġra se tibqa' tagħti benefiċċji lin-nies."

Din l-istorja għandha messaġġ sabiħ ħafna; li wara l-mewt in-nies jispiċċaw imma l-affarijiet u l-għemil

tajbin tagħhom jibqgħu għal dejjem. Is-siġar li jagħtu l-frott, il-kenn u l-arja safja huma wkoll wieħed mill-għemejjel tajbin li se jibqa' għal dejjem.

Is-Saħħa tal-Verità

Darba kien jgħix tifel fl-Arabja jismu Abdul Qadir Jilani. Huwa kien imbierek bi trobbija devota mill-ġenituri nobbli tiegħu. Huwa kien tifel edukat u obbidjenti ferm.

Jum fost l-oħrajn huwa avviċina lil ommu u qalilha li jrid imur Bagdad biex ifittex l-għarfien. Huwa kien sejjer ma' grupp. Meta rat kemm kien determinat li jmur ommu bdiet tibki u ħassitha mdejqa minħabba l-fatt li binha kien se jitlaq fuq vjaġġ twil. Iżda, fl-istess ħin, hija kienet ukoll kuntenta li binha kien se jivvjaġġa b'għanijiet edukattivi. Ommu tatu 40 munita tad-deheb għall-vjaġġ u għall-edukazzjoni tiegħu. Hija ħbiet il-muniti tad-deheb f'but moħbi fil-ġakketta tiegħu.

Kif kien se jitlaq minn raħal twelidu għal Bagdad ommu l-imbierka wissietu biex "dejjem ikun onest u qatt ma jigdeb", tkun xi tkun is-sitwazzjoni.

Tul il-vjaġġ xi briganti attakkaw il-karavana u serqu lil kulħadd. Iżda huma ma kinux jafu li Xejk Abdul Qadir[ra] kien qed iġorr 40 munita tad-deheb li ommu kienet ħbietlu ġewwa l-ġakketta biex ikunu protetti.

Ħadd ma kien ta kasu, għaliex ħadd ma ħaseb li tifel kien se jġorr xi ħaġa prezzjuża fuqu.

Wara li serqu lil kulħadd fil-karavana, ħalliel minnhom staqsa lil Ħażrat Jilani jekk kellux xi flus. Huwa wieġeb sinċerament, "iva, jien għandi 40 munita tad-deheb fil-but moħbi tal-ġakketta tiegħi", iżda l-ħalliel ma emmnux.

Ħalliel ieħor imbagħad staqsa lil Xejk Abdul Qadir[ra] l-istess mistoqsija u għal darba oħra huwa qal li kellu 40 munita tad-deheb fil-ġakketta tiegħu iżda dan il-ħalliel ukoll ma emmnux.

Meta l-kap tal-ħallelin sema' dak li kien qal Xejk Abdul Qadir[ra] huwa amar li jiċċekkjawlu l-ġakketta u b'għaġeb kbir tiegħu sabulu l-flus. Dan l-att kbir ta' onestà ġiegħel lill-kap tal-ħallelin biex iħoss umiljazzjoni kbira, u għalhekk huwa staqsa lil Xejk Abdul Qadir[ra]:

"Għalfejn għedtilna fejn kienu jinsabu l-flus?"

Ħażrat Jilani wieġeb, "Il-għaliex ommi qaltli biex ngħid il-verità jiġri x'jiġri."

Il-kap beda jibki u fi spirtu ta' ndiema qal, "Dan it-tifel obda lil ommu u stqarr il-verità, u jien m'iniex nobdi lil Dak li ħalaqni. Jiena sraqt u qtilt. X'ġara minni?"

Il-kap u l-ħallelin l-oħra kollha tant kienu impressjonati

li warrbu l-vizzji koroh tagħhom u saru nies sewwa.

Din hija s-saħħa tal-verità.

Eżempju Eċċellenti

Darba waħda Ħażrat Umar, it-Tieni Kalif tal-Iżlam, kien għaddej minn triq qrib il-belt ta' Medina billejl. Din kienet id-drawwa tiegħu li jimxi fit-toroq billejl biex jara b'għajnejh is-sitwazzjoni tan-nies li kienu taħt il-ħakma u s-saltna tiegħu. Waqt li kien għaddej minn triq sema' minn dar il-biki ta' tfal li dehru muġugħin. Hu ħabbat il-bieb u meta l-mara tad-dar fetħet ra li kien hemm tlett itfal li qegħdin madwar in-nar u fuq in-nar kien hemm kitla tagħli.

Il-mara tad-dar ma indunatx li hu kien il-Kalif Umar.

Umar staqsa: "X'ġara? Għaliex it-tfal kienu qed jibku?"

Il-mara wieġbet: "Għax huma bil-ġuħ. It-tfal tiegħi kienu bil-ġuħ u ma kellix biex nagħtihom x'jieklu."

Umar: "X'qed issajjar?"

Il-mara: "Xejn. F'din il-kitla hemm l-ilma u xi ġebliet biss, u għamilt dan biex nagħtihom l-impressjoni li jiena qed insajjar xi ħaġa għalihom. Sabiex it-tfal jorqdu fl-istennija twila għall-ikel u ma jibqgħux jibku billejl. Dan huwa dak li qed tara."

Id-dmugħ beda nieżel minn għajnejn Umar għal fuq ħaddejh, u qal, "Alla jkollu ħniena minnkom. Kif Umar jista' jsir jaf dwar it-tbatija tagħkom?"

"Meta hu l-mexxej u l-Kalif tagħna, għandu biex iżomm ruħu infurmat dwarna."

B'uġigħ kbir u diqa ta' qalb, Umar immedjatament reġa' lura u mar dritt lejn il-kamra tal-gvern fejn kien hemm l-affarijiet tal-ikel. Hu ġabar xi dqiq, butir, laħam, tamal u xi affarijiet oħra u poġġa kollox fi xkora. Hu talab lill-gwardjan li kien hemm ħdejh għall-għajnuna billi jerfagħlu l-ixkora fuq spalltu. Il-gwardjan baqa' skantat u qallu: "Għaliex qed iġġorrha fuq dahrek? Jiena nista' nġorrhielek fejn trid."

Umar wieġeb: "Bla dubju tista' ġġorr dan il-piż għalija llum, però min se jġorrli l-piż u t-tagħbija tiegħi f'Jum il-Ħaqq?" Jiġifieri li f'Jum il-Ħaqq, il-gwardjan ma jkunx jista' jwieġeb f'isem Umar kif hu (Umar) qeda r-responsabbiltajiet tiegħu. Hu kellu jerfa' r-responsabbiltajiet tiegħu huwa stess. Dan ukoll kien minħabba li kien jixtieq jgħin lil dik il-familja li kienet għaddejja minn dan il-perjodu diffiċli. Hu ħass, fil-fatt, li l-pajjiż kollu u dak kollu li jikkonċernah kienu r-responsabbiltà tiegħu u dan kien dmiru biex jaqdih hu nnifsu.

Umar mar lura bl-ikel kollu u għen fit-tisjir tal-ikel. Meta kien lest l-ikel, hu qajjem lit-tfal u serva l-ikel

lit-tfal u lill-mara b'idejh. Meta t-tfal kielu, ħadu gost, kienu sodisfatti u bdew jilagħbu.

Il-mara rringrazzjatu u qalet, "Alla jbierkek għall-ħniena tiegħek. Fil-fatt inti l-persuna li għandu jkun il-Kalif u l-mexxej tagħna minflok Umar."

Ħażrat Umar għamel kuraġġ lil dik il-mara, u qalilha li, "meta jkollha bżonn ta' xi ħaġa tmur għand il-Kalif." U ssokta, "Meta se tiġi biex tara l-Kalif, inti ser tiskopri lili hemm." Mill-għada filgħodu beda wkoll jagħti għajnuna finanzjarja lil din il-familja, biex jgħixu aħjar u b'dinjità.

Fl-aħħar dik il-mara għarfet li hu kien il-Kalif Umar.

It-Tolleranza u l-Armonija

Darba waqt iż-żmien tal-Qaddis Profeta Muħammad, il-paċi tkun fuqu, delegazzjoni Nisranija minn Najran waslet Medina biex ikollha taħditiet dwar ir-reliġjonijiet mal-Musulmani. Il-Qaddis Profeta Muħammad, il-paċi tkun fuqu, laqa' d-delegazzjoni b'ospitalità kbira, u kellu diskussjonijiet magħhom għal ħafna jiem fil-moskea tiegħu f'Medina bl-isem ta' 'Moskea tal-Profeta'.

Darba minnhom waqt diskussjoni d-delegazzjoni Nisranija talbet il-permess biex toħroġ barra għal xi

ħin. Il-Profeta Muħammad staqsiehom, "Għalfejn tridu toħorġu barra?"

Huma wieġbu, "Wasal il-ħin tat-talb u nixtiequ noħorġu biex nitolbu barra l-moskea."

Il-Profeta qal: "Din hija wkoll id-dar t'Alla; tistgħu titolbu u tqimu f'din il-moskea." U tahom lok fil-moskea tiegħu u ħareġ barra mal-kumpanni tiegħu ħalli l-Insara jkunu jistgħu jitolbu b'faċilità skont il-fidi u t-twemmin tagħhom.

Delhi għadha ħafna 'l bogħod

Nizamuddin Auliya, qaddis minn Delhi, kien il-bniedem għaref għal ħafna qaddisin. Bis-saħħa tiegħu, l-għarfien inxtered sewwa fl-Indja.

Xi azzjoni ta' Nizamuddin Auliya dejqet lil re tad-dinastija Tughlaq li kienet taħkem lill-Indja dak iż-żmien. Ir-re kien tielaq fuq vjaġġ f'dak il-perjodu. Ir-re qal li se jikkastiga lil Nizamuddin Auliya wara r-ritorn tiegħu.

Id-dixxipli ta' Nizamuddin Auliya bdew jinkwetaw kif saru jafu b'dan. It-tħassib tagħhom żdied hekk kif ir-re beda triqtu lura lejn daru.

Huma ssuġġerew li billi r-re kien ġej lura, kellu jsir sforz għall-konċiljazzjoni qabel ma r-re jasal Delhi.

Nizamuddin Auliya wieġeb, "Kollox jinsab f'idejn Alla. X'nista' nagħmel? Dak li Alla jixtieq, Huwa jwettaq."

Meta r-re kien wasal aktar fil-qrib, l-inkwiet tad-dixxipli ta' Nizamuddin żdied. Huma reġgħu sostnew li ma tantx kien għad baqa' bogħod. Nizamuddin Auliya qal, "Tinkwetawx, Delhi għadha 'l bogħod."

Fl-aħħar ir-re wasal fil-qrib. Kienet id-drawwa tar-rejiet Iżlamiċi li huma ma kinux jidħlu fil-belt tul il-lejl. Dan għaliex din kienet id-drawwa tal-Qaddis Profeta Muħammad, il-paċi tkun fuqu. Għalhekk, hekk kif ir-re wasal qrib, huwa ssetilja barra l-belt, u ħareġ avviż li kien iħabbar id-daħla tiegħu fil-belt li kienet se sseħħ l-għada.

Id-dixxipli ta' Nizamuddin Auliya għal darba oħra insistew li r-re kien wasal biex jidħol fil-belt. U Nizamuddin Auliya reġa' qalilhom, "Delhi għadha 'l bogħod."

Hekk kif id-dawl tal-jum beda jinxtered, id-dixxipli tiegħu bdew jinkwetaw ħafna dwar x'tip ta' tpattija se jkun hemm. Iżda minflok waslet l-aħbar li r-re miet f'xi inċident. Il-ġisem tar-re daħal fil-belt minfloku.

Għalhekk, fejn jidħol Alla, anki r-rejiet ma jiswew xejn ħdejh, għaliex il-kuntentizza vera tilħaq lil dawk biss li għandhom relazzjoni mas-Setgħani.

Kuraġġ

Darba ajkla ħadet it-tarbija ta' waħda mara fuq il-quċċata ta' muntanja. Il-mara segwiet l-ajkla, telgħet il-muntanja, u ħarġet it-tarbija minn ġol-bejta.

Wara li għannqet lit-tarbija u kienet ferħana tgħidx kemm, indunat li kien impossibbli għaliha biex tinżel il-muntanja.

In-nies għenuha tinżel b'ħafna diffikultà u wara staqsewha kif kellha l-ħila titlagħha.

Hija wieġbet, "Ma nafx kif kelli l-ħila nitlagħha. Kulma naf huwa li rajt lill-ajkla teħodli t-tarbija f'dik id-direzzjoni u jien mort warajha."

Mara tista' tagħmel fit-tfittxija għal uliedha dak li rġiel b'saħħithom mhumiex kapaċi jagħmlu; u l-kuraġġ tagħha għamilha kapaċi titla' l-muntanja.

Mara Fqira

Mara xiħa fqira, li kienet tgħix ġewwa Medina, kienet tiknes Masjid-i-Nabawi (il-Moskea tal-Profeta).

Meta l-Qaddis Profeta Muħammad (il-paċi tkun fuqu) ma rahiex għal xi ġranet, huwa staqsa lill-kumpanni tiegħu jekk kinitx ma tiflaħx.

Il-kumpanni ammettew li kienet mietet wara marda qasira u billi ħasbu li se jitnikket, ma infurmawhx meta sar il-funeral tagħha.

Huwa ddispjaċieh ħafna u lmenta li ma kinux infurmawh bil-mewt tagħha. Imbagħad huwa telaq biex iżur il-qabar tagħha u talab għal ruħha.

Għerf

Hija magħrufa l-istorja ta' meta darba persuna stretta żaret ġnien. Dan ra li l-frotta fuq siġra tal-mango kienet żgħira filwaqt li qargħa kbira kienet ħierġa minn fergħa delikata.

Huwa ħaseb li għalkemm in-nies jgħidu li Alla, is-Setgħani, huwa mimli bl-għerf, ma seta' jara l-ebda għerf filli jkollok frott żgħir fuq siġra kbira u qargħa kbira mdendla ma' fergħa delikata.

Wara, huwa niżel biex jieħu nagħsa taħt l-istess siġra tal-mango.

Kien rieqed meta f'daqqa nqalgħet mango, waqgħet u ġiet b'saħħa fuq rasu. Huwa qam malajr kollu konfuż u qal:

"Aħfirli, O Mulejja, issa qed nifhem l-għerf tiegħek. Kieku l-qargħa waqgħet fuqi, kieku bħalissa żgur mejjet."


Mosè
u t-Tnax-il
Għajn
Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta


Żakkarija
u t-Talba Tiegħu
Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta


Ġona u
l-Balena
Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta


Stejjer Qosra
Edukattivi
Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta

KLIEM
TA' GĦERF


ŻJARA
TAL-MOSKEA
Aħmad u Sara Jżuru l-Moskea

Festi u
Ċerimonji
Musulmani


IL-MOSKEA

Il-Ħlewwa mat-Tfal
tal-Qaddis Profeta[sa]

L-Etikett
tal-Ikel
Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta

Id-Dinja
Tagħna


L-Eid ta' Rabia


Aħmad u Sara

"**Brief Educational Stories**"
in Maltese Language.

www.ahmadiyya.org.mt

9 789995 759193